MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 533/2013

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Carol Anne Elstob (K.I. 47063A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u ghoxrin ewro u erbatax-il centezmu (€920.14c), in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (A/C40137792), u li jinkludi telefon 21571471; servizz ta' televizjoni 1425086866 u 1425086867, u servizz ta' internet, liema servizz gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 31 t'Awwissu, 2009, kif ukoll servizz ta' televizjoni 1425139526 li gie kkuntrattat permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Frar, 2011.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza, u bl-ispejjez u drittijiet skont il-ligi.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Prospett- AC40137792

Dok B – Kuntratt datat 31 ta’ Awwissu, 2009

Dok C – Kuntratt datat 28 ta’ Frar, 2011

Dok D – Estratt Registru Elettorali

Dok E – Traduzzjoni tat-Talba

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 ta’ Mejju, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ disa’ mija u ghoxrin ewro u erbatax-il centezmu (€920.14c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------